MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 455/2013

**Auto Sales Ltd**
**(C 491)**

**Vs**

**Gaetano Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Lulju, 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet illi 'l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf u mitt ewro (€1,100) bilanc wara hrug ta' kambjala u wara bejgh ta' vettura. Ghaldaqsrant s-socjeta' attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat sabiex ihallas elf u mitt ewro (€1,100) bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut wara li gie debitament notifikat ipprezenta r-risposta tieghu fit-28 ta' Novembru, 2013 fejn eccepixa:

1. Illi in linea preliminari, l-intimat jichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju, jidher li l-bilanc li ghalih qieghda tfittex is-socjeta' attrici jirraprezenta prezz tal-parking sensor installata fil-vettura tieghu, liema parking sensor ma kienx ta' l-ghamla u l-kwalita' pattwita. Tant hu hekk li l-intimat kellu jinstalla sistema ta' parking sensors huwa stess u kellu jinkorri diversi spejjez sabiex jirrimedja u jgib il-karrozza tal-kwalita pattwita;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' rikorrenti.

Illi wara li tressqu l-provi miz-zewg nahat il-konvenut talab sabiex iressaq eccezzjoni ulterjuri u cioe' dik tal-inkompetenza ratione valoris;

L-attur sahaq illi tali ecezzjoni ma tistax titressaq din l-eccezzjoni peress illi l-partijiet kienu ghalqu l-provi. Jghid ukoll illi l-konvenut jaf illi din l-eccezzjoni ma setax iqajjimha u ghalhekk issottometta li ghandu jkun it-Tribunal li jqajjem din l-eccezzjoni. L-attur qal illi l-partijiet ma kellhomx ic-cans iressqu provi dwar din l-eccezzjoni. Jghid illi ma hemmx nuqqas ta' qbil dwar hlassijiet li saru.

It-Tribunal pero huwa tal-fehma illi l-eccezzjoni tal-inkompetenza ratione valoris hija ta' importanza tali li titqajjem. It-Tribunal ghandu parametri fil-ligi li jistipulaw l-ammont illi jista' jiddecidi fuqu. Jekk l-ammont mitlub fit-talba huwa wiehed li jirrikjedi li qiehed jidhol jezamina dak li filfatt kienu ftehmu l-partijiet originarjament u cioe' jinvolvi ammont akbar. Fir-rigward dak li qal l-attur li ma tressqux provi dwar dan, it-Tribunal ihoss wara li xehdu l-partijiet, tressqu l-provi li kienu mehtiega sabiex it-Tribunal jasal ghad-decizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal fuq dan jiehu d-decizzjoni li titressaq l-eccezzjoni tal-inkompetenza ratione valoris u wara li ezamina dak li xehdu l-partijiet huwa tal-opinjoni li biex jasal ghad-decizjoni fuq it-talba tal-attur irid jidhol fuq il-ftehim originali bejn il-partijiet u dan jinkludi ammont akbar mill-parametri li tistabillixxi l-ligi.

Ghal dawn il-motivi t-Triubal jilqa' l-eccezzjoni tal-inkompetenza ratione valoris u jiddisponi mill-kaz.

Spejjez tal-kawza jithallsu nofs bin-nofs.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------